2025/872

6.5.2025

DIRETTIVA TAL-KUNSILL (UE) 2025/872

tal-14 ta' April 2025

li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 115 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 ([3]) timplimenta l-ftehim milħuq fit-8 ta' Ottubru 2021 mill-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 ("OECD/G20 IF") dwar l-erożjoni tal-bażi tat-taxxa u trasferiment tal-profitti ("BEPS") u ssegwi mill-qrib ir-Regoli Mudell Globali Kontra l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa (it-Tieni Pilastru) tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) ("Regoli Mudell tal-OECD") maqbula mill-OECD/G20 IF fl-14 ta' Diċembru 2021. Id-Direttiva (UE) 2022/2523 tintroduċi regola ta' inklużjoni tal-introjtu kwalifikata ("IIR") u regola dwar il-profitti sottontaxxati ("UTPR"). Dik id-Direttiva tippermetti wkoll lill-Istati Membri jintroduċu t-taxxa kumplimentari domestika kwalifikata tagħhom stess ("QDTT").

(2) Id-Direttiva (UE) 2022/2523 diġà tistabbilixxi r-regoli għall-preżentazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari u tiddeskrivi b'mod wiesa' l-kategoriji ta' informazzjoni li għandhom jiġu rrapportati mill-gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali ("MNE") u mill-gruppi domestiċi fuq skala kbira koperti minn dik id-Direttiva. L-amministrazzjonijiet tat-taxxa jeħtieġu dawk id-Dikjarazzjonijiet ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari biex iwettqu valutazzjoni tar-riskju xierqa, biex jevalwaw il-korrettezza tal-obbligazzjoni tat-taxxa u biex jimmonitorjaw jekk il-gruppi MNE u l-gruppi domestiċi fuq skala japplikawx b'mod korrett ir-regoli stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2022/2523.

(3) Jixraq għalhekk li tiġi emendata d-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE ([4]) biex jiġu stabbiliti regoli ġodda dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni biex jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari u b'hekk jiġi stabbilit il-qafas għall-implimentazzjoni operazzjonali tal-obbligi ta' preżentazzjoni elenkati fid-Direttiva (UE) 2022/2523, f'konformità mal-Ftehim Multilaterali bejn l-Awtoritajiet Kompetenti tal-OECD/G20 IF dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni GloBE u l-kummentarju tagħha u d-Dikjarazzjoni ta' Informazzjoni GloBE (GloBE Information Return - GIR) safejn tali regoli ġodda jkunu konsistenti mal-obbligi ta' preżentazzjoni stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2022/2523 u mad-dritt tal-Unjoni.

(4) Filwaqt li r-regola ġenerali hija li entità kostitwenti tippreżenta Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari mal-amministrazzjoni tat-taxxa tagħha (preżentazzjoni lokali), id-Direttiva (UE) 2022/2523 tipprevedi deroga li skontha entità kostitwenti ma jkollhiex l-obbligu li tippreżenta Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari mal-amministrazzjoni tat-taxxa tagħha jekk tkun ġiet ippreżentata Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari mill-entità omm apikali jew minn entità dikjaranti dežinjata f'ġuriżdizzjoni li jkollha, għas-Sena fiskali tar-rappurtar, fis-seħħ ftehim ta' awtorità kompetenti kwalifikanti mal-Istat Membru li fih tinsab l-entità kostitwenti ("preżentazzjoni ċentrali"). Din id-Direttiva tikkostitwixxi tali ftehim ta' awtorità kompetenti kwalifikanti bejn l-Istati Membri.

([1]) Opinjoni tat-12 ta' Frar 2025 (għada ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)
([2]) Opinjoni tas-26 ta' Frar 2025 (għada ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)
([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira fl-Unjoni (ĠU L 328, 22.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2523/oj).
([4]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/16/oj).

(5) Jenħtieġ li r-regoli l-ġodda dwar l-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni jiffaċilitaw il-preżentazzjoni ċentrali tad-dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2523, u jistgħu jservu wkoll għall-finijiet ta' preżentazzjoni f'kull ġuriżdizzjoni li qed timplimenta r-Regoli Mudell tal-OECD ("ġuriżdizzjoni ta' implimentazzjoni") ([5]). Jenħtieġ li l-amministrazzjonijiet tat-taxxa ta' kull Stat Membru jirċievu l-informazzjoni meħtieġa skont id-dikjarazzjoni ta' informazzjoni standardizzata.

(6) Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirrikjedu li l-entitajiet kostitwenti dikjaranti tal-gruppi MNE jużaw il-mudell standard li jinsab fid-Direttiva 2011/16/UE biex jissodisfaw l-obbligi ta' preżentazzjoni tagħhom skont id-Direttiva (UE) 2022/2523. L-Istati Membri għandhom diskrezzjoni dwar liema mudell għandu jintuża minn gruppi domestiċi fuq skala kbirabiex jissodisfaw l-obbligi ta' preżentazzjoni tagħhom stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2022/2523, ħlief fis-sitwazzjonijiet limitati meta jkun hemm bżonn ta' skambju ta' informazzjoni.

(7) Meta Stat Membru jirċievi Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari mill-entità omm apikali jew mill-entità dikjaranti dežinjata ta' grupp MNE skont il-preżentazzjoni ċentrali f'konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2523, jenħtieġ li dak l-Istat Membru jikkomunika lil Stati Membri oħra ta' Implimentazzjoni jew lil Stati Membri li japplikaw biss il-QDTT, mhux aktar tard minn 3 xhur wara l-iskadenza tal-preżentazzjoni, jew - f'każ li jirċievi Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari wara l-iskadenza tal-preżentazzjoni - mhux aktar tard minn 3 xhur wara tali riċevuta, il-partijiet speċifiċi rilevanti tad-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari f'konformità mal-approċċ ta' disseminazzjoni approvat mill-OECD/G20 IF. Fir-rigward tal-ewwel Sena fiskali tar-rapportar, jenħtieġ li l-iskadenza għall-komunikazzjoni ta' dawk il-partijiet speċifiċi rilevanti tad-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni tat-taxxa kumplimentari tiġi estiża għal 6 xhur wara l-iskadenza għall-preżentazzjoni. Barra minn hekk, sabiex jiġi akkomodat kwalunkwe dewmien fis-sistema l-ġdida ta' skambju, fi kwalunkwe każ (jiġifieri għall-ewwel Sena fiskali tar-rapportar u dawk li jmiss) l-ewwel skambju mhux ser isir qabel l-1 ta' Diċembru 2026.

(8) Jenħtieġ li l-Istat Membru tal-entità omm apikali tal-grupp MNE jirċievi d-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari sħiħa. Jenħtieġ li l-Istat Membru ta' Implimentazzjoni jiġi pprovdut bit-Taqsima ġenerali tad-dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari, dment li jkun hemm entità kostitwenti tal-grupp MNE li tinsab fit-territorju tiegħu. Jenħtieġ li l-Istati Membri li japplikaw biss il-QDTT, fejn jinsabu l-entitajiet kostitwenti tal-grupp MNE, jiġu pprovduti bil-partijiet rilevanti tat-Taqsima ġenerali tad-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari, għalkemm l-Istati Membri li japplikaw biss il-QDTT m'għandhom jibgħatu l-ebda informazzjoni fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari permezz ta' skambju awtomatiku ta' informazzjoni.

(9) Jenħtieġ li t-taqsimiet ġuriżdizzjonali jiġu pprovduti lill-Istat Membru bi drittijiet ta' tassazzjoni skont id-Direttiva (UE) 2022/2523, inkluż il-QDTT, f'konformità mal-approċċ ta' disseminazzjoni.

(10) Id-Direttiva (UE) 2022/2523 tippermetti lill-Istati Membri li fihom jinsabu mhux aktar minn 12-il entità omm apikali ta' gruppi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva, jagħżlu li ma japplikawx l-IIR u l-UTPR għal perjodu ta' żmien limitat. F'każijiet bħal dawn, Stat Membru, jekk ma jkunx Stat Membru li japplika biss il-QDTT, jenħtieġ li jibda japplika r-regoli dwar l-iskambju ta' Dikjarazzjonijiet ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari biss (jiġifieri jirċievi u jibgħat l-informazzjoni) meta jintemm il-perjodu tal-għażla skont id-Direttiva (UE) 2022/2523.

(11) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u b'mod partikolari għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tadotta l-arranġamenti prattiċi meħtieġa, bħala parti mill-proċedura għall-istabbiliment tal-formola kompjuterizzata standard. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]).

(12) Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti riċeventi tinnotifika lill-awtorità kompetenti emittenti meta jkun hemm raġuni biex wieħed jemmen li l-informazzjoni inkluża fid-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari, soġġetta għall-iskambju, teħtieġ korrezzjoni. Peress li tali notifika normalment issir qabel valutazzjoni tar-riskju jew eżami tat-taxxa aktar bir-reqqa, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti emittenti tiġi nnotifikata biss bl-iżbalji evidenti identifikati. Jenħtieġ li l-informazzjoni kkorreġuta tiġi skambjata mingħajr dewmien żejjed mal-awtoritajiet kompetenti kollha li għalihom dik l-informazzjoni hija soġġetta għal skambju f'konformità ma' din id-Direttiva. Din il-proċedura ma tipprekludix lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa milli jitolbu l-korrezzjonijiet meħtieġa f'talbiet ta' segwitu biex tivverifika l-konformità mad-Direttiva (UE) 2022/2523 skont il-liġi nazzjonali tagħhom.

([5]) OECD (2021), Tax Challenges Arising from Digitalisation of the Economy – Global Anti-Base Erosion Model Rules (Pillar Two): Inclusive Framework on BEPS, OECD/G20 Base Erosion and Profit Shifting Project, OECD Publishing, Paris, https://doi.org/10.1787/782bac33-en.

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).

(13) Jekk awtorità kompetenti ma tirċevix skambju li kien mistenni skont notifika minn grupp MNE, jenħtieġ li tinnotifika lill-awtorità kompetenti li kienet mistennija li tibgħat l-informazzjoni dwar l-iskambju nieqes. Jenħtieġ li l-awtorità kompetenti li kienet mistennija tibgħat l-informazzjoni tiddetermina r-raġuni għan-nuqqas ta' skambju ta' informazzjoni rilevanti u tinforma mingħajr dewmien żejjed lill-awtorità kompetenti li nnotifikat l-iskambju nieqes ta' dik ir-raġuni fi żmien xahar, filwaqt li tindika, fejn rilevanti, id-data l-ġdida mistennija għall-iskambju. Sabiex jiġi żgurat it-tħaddim effettiv tad-Direttiva 2011/16/UE, huwa mifhum li l-iskambju jenħtieġ li jseħħ malajr kemm jista' jkun biex ma jikkawżax dewmien addizzjonali għall-Istati Membri. Jenħtieġ li d-data ta' skambju mistennija tiġi stabbilita għal data mhux aktar tard minn 3 xhur mid-data minn meta tasal in-notifika tal-iskambju nieqes.

(14) Jekk id-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari ma tkunx ġiet ippreżentata ċentralment mill-entità omm apikali jew mill-entità dikjaranti dežinjata ta' grupp MNE u l-informazzjoni ma tiġix riċevuta sad-data mistennija l-ġdida għall-iskambju, huwa mifhum li l-awtorità kompetenti li nnotifikat l-iskambju nieqes tista' teħtieġ preżentazzjoni lokali peress li l-kundizzjonijiet għall-preżentazzjoni ċentrali skont id-Direttiva (UE) 2022/2523 ma jkunux ġew issodisfati.

(15) Jenħtieġ li d-Direttiva 2011/16/UE, inkluż l-Anness VII tagħha, kif emendata minn din id-Direttiva jinqraw flimkien mad-Direttiva (UE) 2022/2523. Jenħtieġ li t-termini stipulati għall-finijiet tal-iskambju ta' informazzjoni fir-rigward tad-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari skont din id-Direttiva jkollhom l-istess tifsira bħal dawk fid-Direttiva (UE) 2022/2523. Barra minn hekk, din id-Direttiva fiha definizzjonijiet addizzjonali li huma meħtieġa biex jirriflettu żviluppi internazzjonali magħmula fil-kuntest tal-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni.

(16) Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw il-Ftehim Multilaterali bejn l-Awtoritajiet Kompetenti dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni GloBE u l-kummentarju tagħha, ir-Regoli Mudell tal-OECD u l-ispjegazzjonijiet u l-eżempji fid-dokument Commentary to the Global Anti-Base Erosion Model Rules (Pillar Two) (mhux disponibbli bil-Malti) maħruġ mill-OECD/G20 IF dwar il-BEPS, kif ukoll il-Qafas ta' Implimentazzjoni tal-GloBE u kwalunkwe aġġornament tiegħu, bħala sors ta' illustrazzjoni jew interpretazzjoni sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fl-applikazzjoni fl-Istati Membri kollha sal-punt li dawk is-sorsi jkunu konsistenti ma' din id-Direttiva, id-Direttiva (UE) 2022/2523 u d-dritt tal-Unjoni. Konsegwentement, l-OECD/G20 IF dwar l-istruzzjonijiet tal-BEPS għall-preżentazzjoni tal-mudell standard, bħall-introduzzjoni u l-gwida ta' spjegazzjoni għall-GIR inkluż il-bażi għall-informazzjoni rrappurtata fil-GIR u l-qafas ta' rapportar ġuriżdizzjonali simplifikat tranżizzjonali (għas-snin fiskali li jibdew fil-31 ta' Diċembru 2028 jew qabel iżda li ma tinkludix sena fiskali li tintemm wara t-30 ta' Ġunju 2030), jenħtieġ li, sa fejn dawk is-sorsi jkunu konsistenti ma' din id-Direttiva u mad-dritt tal-Unjoni, jintużaw bħala sors ta' illustrazzjoni u interpretazzjoni għall-gruppi MNE biex jippreżentaw id-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-applikazzjoni. Għalhekk huwa xieraq li d-Direttiva 2011/16/UE tiġi ssupplimentata b'anness addizzjonali li jkun fih mudell standard, f'konformità mal-mudell standard żviluppat mill-OECD/G20 IF dwar il-BEPS, għall-preżentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari skont id-Direttiva (UE) 2022/2523, kif previst minn din id-Direttiva.

(17) Il-mudell standard għad-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari stipulat f'din id-Direttiva jiżgura li l-informazzjoni u l-kalkoli tat-taxxa li grupp MNE huwa meħtieġ jippreżenta skont id-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari huma komprensivi biżżejjed biex jippermettu lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa jwettqu valutazzjoni tar-riskju xierqa u jevalwaw il-korrettezza tal-obbligazzjoni ta' taxxa ta' entità kostitwenti skont id-Direttiva (UE) 2022/2523. Fl-istess ħin, għandu l-għan li jiġi evitat li jiġu imposti rekwiżiti ta' ġbir, komputazzjoni u rapportar ta' informazzjoni mhux meħtieġa fuq gruppi MNE u li jiġi evitat li l-kontribwenti jiġu esposti għal talbiet multipli u mhux koordinati għal aktar informazzjoni f'kull ġuriżdizzjoni ta' implimentazzjoni. Dikjarazzjoni ta' informazzjoni standardizzata dwar it-taxxa kumplimentari ma taffettwax il-kapaċità ta' amministrazzjoni tat-taxxa li tirrikjedi dikjarazzjoni tat-taxxa domestika ta' rutina jew li tiġbor informazzjoni għall-finijiet tat-tħejjija tad-dikjarazzjoni tat-taxxa domestika kumplimentari, għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri, f'xi każijiet, ikunu jistgħu jirrikjedu li jiġu rrapportati punti tad-data addizzjonali lil hinn mid-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari għall-finijiet tat-tħejjija tad-dikjarazzjoni tat-taxxa pereżempju, biex l-obbligazzjoni ta' taxxa kumplimentari tiġi kkonvertita fil-munita domestika). Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li ġeneralment joqogħdu lura milli jirrikjedu r-rapportar ta' punti ta' data addizzjonali lil hinn mid-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari bħala parti mid-dikjarazzjoni tat-taxxa domestika ta' rutina tagħhom u r-rekwiżiti tal-ħlas u kwalunkwe informazzjoni bħal din jenħtieġ li tkun relatata, pereżempju, mal-obbligazzjoni, iż-żmien u l-metodu tal-ħlas jew identifikazzjoni tal-kontribwent u dettalji ta' kuntatt, aktar milli l-kalkolu tal-obbligazzjoni ta' taxxa kumplimentari ta' entità kostitwenti. Din id-Direttiva ma tapplikax għall-proċeduri domestiċi tal-awditjar tat-taxxa, u ma tipprekludix lill-amministrazzjonijiet tat-taxxa milli jitolbu l-informazzjoni ta' sostenn meħtieġa f'talbiet ta' segwitu biex jivverifikaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet li jittrasponu d-Direttiva (UE) 2022/2523 skont il-liġi nazzjonali tagħhom.

(18) Sabiex jiġi żgurat l-iskambju ta' informazzjoni dwar impriżi konġunti u t-trattament ugwali, f'każijiet rari fejn entità omm ta' grupp domestiku fuq skala kbira jkollha interess ta' sjieda dirett jew indirett f'impriża konġunta jew affiljata ma' impriża konġunta u dik l-impriża konġunrta jew affiljata ma' impriża konġunta tkun soġġetta għal QDTT fi Stat Membru ieħor, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrikjedu li tali grupp domestiku fuq skala kbira juża l-istess mudell standard bħal grupp MNE, jiġifieri mudell standard għad-Dikjarazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari stabbilita f'din id-Direttiva, meta jippreżenta d-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari tiegħu. Konsegwentement, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li d-dispożizzjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni jiġu applikati f'każijiet bħal dawn.

(19) Barra minn hekk, filwaqt li tiġi rikonoxxuta l-ħtieġa li jiġi pprovdut qafas legali komplut, sabiex ikopri l-emendi introdotti fid-Direttiva 2011/16UE bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2023/2226 ([7]) fir-rigward tal-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni dwar il-kontijiet finanzjarji, huwa essenzjali li jiġi emendat l-Artikolu 8(3a) tad-Direttiva 2011/1446/UE skont dan. Jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tal-informazzjoni li għandha tiġi skambjata tqis il-miżuri tranżitorji stabbiliti fit-Taqsima XI tal-Anness I tad-Direttiva 2011/16/UE.

(20) Peress li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tipprovdi l-qafas għall-implimentazzjoni operazzjonali tal-obbligi ta' preżentazzjoni elenkati fid-Direttiva (UE) 2022/2523 fuq il-bażi tal-approċċ komuni li jinsab fir-Regoli Mudell tal-OECD u li tiżgura li l-informazzjoni rispettiva dwar il-kontijiet finanzjarji tkun soġġetta għal skambju awtomatiku obbligatorju, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, minħabba li azzjoni indipendenti mill-Istati Membri tirriskja li tifframmenta s-suq intern, iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala tar-riforma globali tat-taxxa minima u l-importanza kritika li jiġu adottati soluzzjonijiet li jiffunzjonaw għas-suq intern kollu, tinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

(21) Minħabba li l-Istati Membri jeħtieġ li jaġixxu f'perjodu ta' żmien qasir ħafna biex jibdew it-traspożizzjoni tar-regoli dwar id-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari, jenħtieġ li din id-Direttiva tidħol fis-seħħ b'urġenza.

(22) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2011/16/UE tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 2011/16/UE

Id-Direttiva 2011/16/UE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3, il-punt (9) huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel subparagrafu, huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) għall-finijiet tal-Artikolu 8(1) u tal-Artikoli 8a sa 8ae, il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni ddefinita minn qabel lil Stat Membru ieħor, mingħajr talba minn qabel, f'intervalli regolari stabbiliti minn qabel. Għall-finijiet tal-Artikolu 8(1), ir-referenza għall-informazzjoni disponibbli hija relatata mal-informazzjoni fil-fajls tat-taxxa tal-Istat Membru li jikkomunika l-informazzjoni, li tista' tiġi rkuprata f'konformità mal-proċeduri dwar il-ġbir u l-ipproċessar tal-informazzjoni f'dak l-Istat Membru;";

(ii) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għajr l-Artikoli 8(1) u 8(3a) u l-Artikoli 8a sa 8ae, il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni ddefinita minn qabel prevista fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b) ta' dan il-punt.";

(b) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

([7]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2023/2226 tas-17 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat tassazzjoni (ĠU L, 2023/2226, 24.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2226/oj).

"Fil-kuntest ta' dan l-Artikolu, l-Artikoli 8(3a), 8(7a) u 21(2) ta' din id-Direttiva u l-Anness IV ta' din id-Direttiva, kwalunkwe terminu kapitalizzat għandu jkollu t-tifsira li għandu skont id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva. Fil-kuntest tal-Artikolu 21(5) u l-Artikolu 25(3) u (4) ta' din id-Direttiva, kwalunkwe terminu kapitalizzat għandu jkollu t-tifsira li għandu skont id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Anness I, V jew VI ta' din id-Direttiva. Fil-kuntest tal-Artikolu 8aa ta' din id-Direttiva u l-Anness III ta' din id-Direttiva, kwalunkwe terminu kapitalizzat għandu jkollu t-tifsira li għandu skont id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Anness III ta' din id-Direttiva. Fil-kuntest tal-Artikolu 8ac ta' din id-Direttiva u l-Anness V ta' din id-Direttiva, kwalunkwe terminu kapitalizzat għandu jkollu t-tifsira li għandu skont id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Anness V ta' din id-Direttiva. Fil-kuntest tal-Artikolu 8ad ta' din id-Direttiva u l-Anness VI ta' din id-Direttiva, kwalunkwe terminu kapitalizzat għandu jkollu t-tifsira li għandu skont id-definizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-Anness VI ta' din id-Direttiva. Fil-kuntest tal-Artikoli 8ae u 9a ta' din id-Direttiva u l-Anness VII ta' din id-Direttiva, kwalunkwe terminu għandu jkollu l-istess tifsira kif definita fl-Artikolu 3, l-Artikolu 9(2) il-punt (a), l-Artikolu 16(4), (6), (8) u (11), l-Artikolu 17(1), l-Artikolu 21(5), l-Artikolu 22(1), l-Artikolu 24(4) u (6), l-Artikolu 26(2), l-Artikolu 27(3), (4), u (5), l-Artikolu 28(1), l-Artikolu 30(2), l-Artikolu 31(1), l-Artikolu 32, l-Artikolu 33(1), l-Artikolu 35(1), l-Artikolu 36(1), l-Artikolu 37(1) , l-Artikolu 39(1), l-Artikolu 42(1), l-Artikolu 44(1), l-Artikolu 47(1) u l-Artikolu 49(3) tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 (*). Barra minn hekk, kwalunkwe terminu kapitalizzat għandu jkollu l-istess tifsira kif definita Taqsima I tal-Anness VII ta' din id-Direttiva.

(*) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2022/2523 tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar l-iżgurar ta' livell minimu globali ta' tassazzjoni għal gruppi ta' intrapriżi multinazzjonali u gruppi domestiċi fuq skala kbira fl-Unjoni (ĠU L 328, 22.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2022/2523/oj).";

(2) L-Artikolu 8(3a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3a. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jirrikjedi lill-Istituzzjonijiet Finanzjarji Rapportanti tiegħu li jwettqu r-regoli ta' rappurtaġġ u ta' diliġenza dovuta inklużi fl-Annessi I u II u biex jiżgura l-implimentazzjoni effettiva ta', u l-konformità ma', tali regoli f'konformità mat-Taqsima IX tal-Anness I.

Skont ir-regoli ta' rappurtaġġ u diliġenza dovuta li jinsabu fl-Annessi I u II, l-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha, permezz ta' skambju awtomatiku, tikkomunika sa mhux iktar tard mid-data ta' skadenza stipulata fil-punt (b) tal-paragrafu 6, lill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor, l-informazzjoni segwenti fir-rigward tal-perjodi taxxabbli mill-1 ta' Jannar 2016 dwar Kont Rapportabbli:

(a) l-isem, l-indirizz, it-TINs u d-data u l-post ta' twelid (f'każ ta' individwu) ta' kull Persuna Rapportabbli li tkun Detentur ta' Kont tal-kont u, fil-każ ta' kwalunkwe Entità li tkun Detentur ta' Kont u li, wara l-applikazzjoni tar-regoli ta' diliġenza dovuta konsistenti mal-Annessi I u II, tkun identifikata li jkollha Persuna Kontrollanti waħda jew aktar li jkunu Persuni Rapportabbli, l-isem, l-indirizz, u t-TINs tal-Entità u l-isem, l-indirizz, it-TINs u d-data u l-post ta' twelid ta' kull Persuna Rapportabbli;

(b) in-numru tal-kont (jew l-ekwivalenti funzjonali fin-nuqqas ta' numru tal-kont);

(c) l-isem u n-numru ta' identifikazzjoni (jekk ikun hemm) tal-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti;

(d) il-bilanċ tal-kont jew il-valur (inkluż, fil-każ ta' Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew Kuntratt ta' Annwalità, il-Valur fi Flus jew il-valur ta' ċessjoni) fl-aħħar tas-sena kalendarja rilevanti jew perjodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor jew, jekk il-kont ikun ingħalaq matul tali sena jew perjodu, l-għeluq tal-kont;

(e) fil-każ ta' kwalunkwe Kont ta' Kustodja:

(i) l-ammont gross totali ta' interessi, l-ammont gross totali ta' dividendi, u l-ammont gross totali ta' introjtu ieħor iġġenerat fir-rigward tal-assi miżmuma fil-kont, f'kull każ imħallas jew ikkreditat lill-kont (jew fir-rigward tal-kont) matul is-sena kalendarja jew perjodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor; u

(ii) ir-rikavat gross totali mill-bejgħ jew l-ammortament ta' Assi Finanzjarji mħallas jew ikkreditat lill-kont matul is-sena kalendarja jew perjodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor li fir-rigward tiegħu l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti aġixxiet bħala kustodju, intermedjarju, persuna nominata, jew inkella bħala aġent tad-Detentur ta' Kont;

(f) fil-każ ta' kwalunkwe Kont Depożitarju, l-ammont gross totali ta' interessi mħallsa jew ikkreditati lill-kont matul is-sena kalendarja jew perjodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor;

(g) fil-każ ta' kwalunkwe kont mhux deskritt fil-punt (e) jew fil-punt (f), l-ammont gross totali mħallas jew ikkreditat lid-Detentur ta' Kont fir-rigward tal-kont matul is-sena kalendarja jew perjodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor li fir-rigward tiegħu l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tkun l-obbligant jew id-debitur, inkluż l-ammont aggregat ta' kwalunkwe pagamenti ta' ammortament magħmula lid-Detentur ta' Kont matul is-sena kalendarja jew perjodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor;

(h) jekk ġietx ipprovduta awtoċertifikazzjoni valida għal kull Detentur ta' Kont;

(i) ir-rwol(i) li permezz tagħhom kull Persuna Rapportabbli li hija Persuna Kontrollanti ta' Detentur ta' Kont ta' Entità hija Persuna Kontrollanti tal-Entità u jekk ġietx ipprovduta awtoċertifikazzjoni valida għal kull tali Persuna Rapportabbli;

(j) it-tip ta' kont, jekk il-kont huwiex Kont Preeżistenti jew Kont Ġdid u jekk il-kont huwiex kont konġunt, inkluż in-numru ta' Detenturi ta' Kont konġunt; u

(k) fil-każ li jkun hemm xi Interess ta' Ekwità miżmum f'Entità ta' Investiment li jkun arranġament legali, ir-rwol(i) li bis-saħħa tiegħu/tagħhom il-Persuna Rapportabbli tkun detentur ta' Interess ta' Ekwità.

Għall-finijiet tal-iskambju ta' informazzjoni skont dan il-paragrafu, sakemm mhux previst mod ieħor f'dan il-paragrafu jew fl-Anness I jew II, l-ammont u l-karatterizzazzjoni ta' pagamenti magħmula fir-rigward ta' Kont Rapportabbli għandhom ikunu ddeterminati f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru li jikkomunika l-informazzjoni.

L-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu għandhom jipprevalu fuq il-punt (c) tal-paragrafu 1 jew kwalunkwe strument legali ieħor tal-Unjoni, sal-punt li l-iskambju ta' informazzjoni inkwistjoni jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 1 jew kwalunkwe strument legali ieħor tal-Unjoni.

L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha tikkomunika l-informazzjoni msemmija fil-punti (h) sa (k) tat-tieni subparagrafu fir-rigward tal-perjodi taxxabbli mill-1 ta' Jannar 2026.";

(3) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 8ae*

Format tal-preżentazzjoni u skambju ta' informazzjoni fir-rigward ta' Dikjarazzjonijiet ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari skont l-Artikolu 44 tad-Direttiva (UE) 2022/2523

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jirrikjedi li l-entità kostitwenti dikjaranti ta' grupp MNE tuża l-mudell standard stabbilit fit-Taqsima IV tal-Anness VII ta' din id-Direttiva biex tissodisfa l-obbligi ta' preżentazzjoni skont l-Artikolu 44 tad-Direttiva (UE) 2022/2523.

2. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li tkun irċeviet id-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari ppreżentata mill-entità omm apikali jew mill-entità dikjaranti dežinjata, kif imsemmi fl-Artikolu 44(3), il-punti (a) u (b), tad-Direttiva (UE) 2022/2523, għandha tikkomunika, permezz ta' skambju awtomatiku u f'konformità mal-approċċ ta' disseminazzjoni segwenti, dan li ġej:

(a) it-Taqsima ġenerali tad-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari, lill-Istat Membru ta' Implimentazzjoni fejn jinsabu l-entità omma apikali jew l-entitajiet kostitwenti tal-MNE;

(b) it-Taqsima ġenerali tad-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni fil-qosor ta' livell għoli fit-Taqsima 1.4 tagħha, lill-Istati Membri li japplikaw Taxxa kumplimentari domestika kwalifikata (QDTT) biss:

(i) fejn jinsabu l-entitajiet kostitwenti tal-grupp MNE;

(ii) fejn impriża konġunta jew membru ta' grupp ta' impriża konġunta tal-grupp MNE jkunu jinsabu jekk it-taxxa kumplimentari domestika kwalifikata tiġi imposta fuq impriżi konġunti fl-Istat Membru;

(iii) fejn t-taxxa kumplimentari domestika kwalifikata tiġi imposta fl-Istat Membru fir-rigward ta' entità kostitwenti mingħajr Stat jew impriża konġunta mingħajr Stat tal-grupp MNE;

(c) taqsima Ġuriżdizzjonali waħda jew aktar tad-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari, lill-Istati Membri li għandhom drittijiet ta' tassazzjoni, skont id-Direttiva (UE) 2022/2523, inkluż it-taxxa kumplimentari domestika kwalifikata, fir-rigward tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu magħhom tali Taqsimiet ġuriżdizzjonali.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), il-ġuriżdizzjonijiet tal-UTPR b'perċentwal tal-UTPR ta' żero għandhom jiġu pprovduti biss bil-parti tad-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari li fiha informazzjoni dwar l-attribuzzjoni tat-taxxa kumplimentari skont il-UTPR fir-rigward ta' dik il-ġuriżdizzjoni, fejn tali informazzjoni tkun konsistenti ma' silta mit-Taqsima 3.4.3 tad-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari, u l-Istat Membru ta' Implimentazzjoni li fih tinsab l-entità omm apikali għandu jiġi pprovdut bit-taqsimiet Ġuriżdizzjonali kollha.

3. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha tikkomunika d-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari li rċeviet skont il-paragrafu 2 u li l-komunikazzjoni għandha ssir mhux aktar tard minn 3 xhur wara l-iskadenza tal-preżentazzjoni għass-Sena fiskali tar-rapportar.

4. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha tikkomunika d-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari li tkun irċeviet wara l-iskadenza tal-preżentazzjoni, u li l-komunikazzjoni għandha ssir mhux aktar tard minn 3 xhur wara d-data li tkun irċevietha fiha.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, l-arranġamenti prattiċi meħtieġa biex tiffaċilita l-komunikazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2).

6. Il-Kummissjoni ma għandux ikollha aċċess għall-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) sa (c).

7. Il-komunikazzjoni tal-informazzjoni, kif imsemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom isiru bl-użu tal-format standard kompjuterizzat imsemmi fl-Artikolu 20(4).";

(4) L-Artikolu 8b huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 8b*

Statistika dwar skambji awtomatiċi

Fuq bażi annwali, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-istatistika dwar il-volum ta' skambji awtomatiċi skont l-Artikoli 8(1), 8(3a), 8aa, 8ac u 8ae u bl-informazzjoni dwar il-kostijiet u l-benefiċċji amministrattivi u oħrajn rilevanti relatati mal-iskambji li jkunu saru u kwalunkwe bidla potenzjali, kemm għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa kif ukoll għall-partijiet terzi.";

(5) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 9a*

Kollaborazzjoni dwar korrezzjonijiet, konformità u infurzar fir-rigward ta' Dikjarazzjonijiet ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari

1. Fejn l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru jkollha raġuni biex temmen li l-informazzjoni f'Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari ppreżentata minn entità omm apikali jew entità dikjaranti dežinjata li tinsab fil-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru l-ieħor, ikkomunikata taħt l-Artikolu 8ae, teħtieġ korrezzjoni ta' żbalji evidenti, hija għandha, mingħajr dewmien żejjed, tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor. Jekk l-awtorità kompetenti notifikata taqbel li l-informazzjoni fid-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari teħtieġ korrezzjoni, hija għandha tieħu, mingħajr dewmien żejjed, miżuri xierqa biex tikseb Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari kkorreġuta mill-entità omm apikali kkonċernata jew mill-entità dikjaranti dežinjata. Hija għandha tikkomunika, mingħajr dewmien żejjed, id-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari kkorreġuta mal-awtoritajiet kompetenti kollha li għalihom din l-informazzjoni hija soġġetta għal skambju f'konformità ma' din id-Direttiva.

2. Meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tkun irċeviet notifika minn entità kostitwenti waħda jew aktar li tinsab fl-Istat Membru tagħha li d-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari għal dawn l-entitajiet kostitwenti kellha tiġi ppreżentata mill-entità omm apikali jew mill-entità dikjaranti dežinjata li tinsab fi Stat Membru ieħor, iżda l-informazzjoni inkluża fid-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari ma ġietx komunikata sal-iskadenzi speċifikati fl-Artikolu 8ae(3) jew l-Artikolu 27d(3) u (4) tagħha, hija għandha, mingħajr dewmien żejjed, tinnotifika lill-awtorità kompetenti l-oħra li l-informazzjoni ma tkunx waslet. L-awtorità kompetenti notifikata għandha, mingħajr dewmien żejjed, tiddetermina r-raġuni għaliex ma tkunx ġiet komunikata d-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari kkonċernata u għandha tinforma lill-awtorità kompetenti fi żmien xahar minn meta tirċievi n-notifika, inkluż id-data ta' skambju mistennija għad-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari fejn rilevanti. Id-data ta' skambju mistennija għandha tiġi stabbilita għal data mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data minn meta tasal in-notifika tal-iskambju nieqes.";

(6) fl-Artikolu 18, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha tistabbilixxi mekkaniżmu effettiv biex tiżgura l-użu ta' informazzjoni miksuba permezz tar-rapportar jew tal-iskambju ta' informazzjoni skont l-Artikoli 8 sa 8ae.";

(7) fl-Artikolu 20, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni skont l-Artikoli 8, 8ac u 8ae għandu jsir bl-użu ta' format kompjuterizzat standard bl-għan li jiffaċilita tali skambju awtomatiku, adottat mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2).";

(8) fl-Artikolu 22, il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom iżommu r-rekords tal-informazzjoni li jirċievu permezz tal-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni skont l-Artikoli 8 sa 8ae għal mhux aktar milli meħtieġ iżda fi kwalunkwe każ mhux inqas minn 5 snin mid-data ta' meta jirċevuha biex jintlaħqu l-finijiet ta' din id-Direttiva.

4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw li entità relatriċi titħalla tikseb konferma b'mezzi elettroniċi tal-validità tal-informazzjoni dwar in-NIT ta' kwalunkwe kontribwent soġġett għall-iskambju ta' informazzjoni skont l-Artikoli 8 sa 8ae. Il-konferma tal-informazzjoni dwar in-NIT tista' tintalab biss għall-finijiet tal-validazzjoni tal-korrettezza ta' data msemmija fl-Artikoli 8(1), 8(3a), 8a(6), 8aa(3), 8ab(14), 8ac(2), 8ad(3) u 8ae (2).";

(9) L-Artikolu 25a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 25a*

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u li jikkonċernaw l-Artikoli 8aa sa 8ae, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.";

(10) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 27d*

L-ewwel Sena fiskali tar-rapportar u l-ikomunikazzjoni tal-informazzjoni skont l-Artikolu 8ae għall-ewwel darba

1. L-ewwel Sena fiskali tar-rapportar li għaliha għandha tiġi kkomunikata l-informazzjoni skont l-Artikolu 8ae hija l-ewwel sena fiskali li tibda mill-31 ta' Diċembru 2023.

2. Għall-Istati Membri li għażlu li ma japplikawx l-IIR u l-UTPR skont l-Artikolu 50(1) tad-Direttiva (UE) 2022/2523, l-ewwel Sena fiskali tar-rapportar li għaliha l-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata skont l-Artikolu 8ae għandha tkun l-ewwel sena fiskali wara t-tmiem tat-tali għażla.

Minkejja l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, għall-Istati Membri li jkunu għażlu li ma japplikawx l-IIR u l-UTPR skont l-Artikolu 50(1) tad-Direttiva (UE) 2022/2523 u li jkunu għażlu li japplikaw taxxa kumplimentari domestika kwalifikata skont l-Artikolu 11(1) ta' dik id-Direttiva , l-ewwel Sena fiskali tar-rapportar li għaliha l-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata skont l-Artikolu 8ae għandha tkun l-ewwel sena fiskali li matulha tapplika t-taxxa kumplimentari domestika kwalifikata.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru għandha tikkomunika l-informazzjoni skont L-Artikolu8ae fir-rigward tal-ewwel Sena fiskali ta' rappurtar sa mhux aktar tard minn 6 xhur wara l-iskadenza tal-preżentazzjoni.

4. Fi kwalunkwe każ, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni skont l-Artikolu 8ae għall-ewwel darba mhux qabel l-1 ta' Diċembru 2026.";

(11) it-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva huwa miżjud bħala l-Anness VII.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għall-konformità ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw immedjatament it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawn il-miżuri mill-1 ta' Jannar 2026.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew jinkludu referenza għaliha meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri li għażlu li ma japplikawx l-IIR u l-UTPR skont l-Artikolu 50(1) tad-Direttiva (UE) 2022/2523 għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 1, il-punt (1) u l-punti (3) sa (11) ta' din id-Direttiva sal-jum qabel it-tmiem tat-tali għażla.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-jum ta' wara dak li fih tintemm t-tali għażla.

Minkejja l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri li jkunu għażlu li ma japplikawx l-IIR u l-UTPR skont l-Artikolu 50(1) tad-Direttiva (UE) 2022/2523 u li jkunu għażlu li japplikaw taxxa kumplimentari domestika kwalifikata skont l-Artikolu 11(1) ta'; dik id-Direttiva għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-jum qabel ma tibda l-ewwel Sena fiskali tar-rapportar skont l-għażla biex tiġi applikata taxxa kumplimentari domestika kwalifikata. Huma għandhom jikkomunikaw immedjatament it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-bidu tal-ewwel Sena fiskali tar-rapportar skont l-għażla biex japplikaw taxxa kumplimentari domestika kwalifikata.

Meta l-ewwel Sena fiskali tar-rapportar imsemmija fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu tibda qabel jew fil-jum li din id-Direttiva tidħol fis-seħħ, l-Istati Membri li jkunu għażlu li ma japplikawx l-IIR u l-UTPR skont l-Artikolu 50(1) tad-Direttiva (UE) 2022/2523 u li jkunu għażlu li japplikaw taxxa kumplimentari domestika kwalifikata skont l-Artikolu 11(1) ta' dik id-Direttiva għandhom jadottaw u jippubblikaw, sal-31 ta' Diċembru 2025, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw immedjatament it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawn il-miżuri mill-1 ta' Jannar 2026.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew jinkludu referenza għaliha meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

3. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sal-31 ta' Diċembru 2027, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw mal-Artikoli 1, il-punt (8), ta' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw immedjatament it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2028.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew jinkludu referenza għaliha meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien, it-test tal-miżuri prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-14 ta' April 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

ANNESS

"ANNESS VII

Regoli ta' preżentazzjoni u mudell standard għad-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari

TAQSIMA I

DEFINIZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'Stat Membru ta' implimentazzjoni' tfisser Stat Membru li jkun implimenta regola kwalifikata dwar l-inklużjoni tal-introjtu (IIR) jew regola kwalifikata dwar il-profitti sottontaxxati (UTPR), kif definit fl-Artikolu 3, il-punti (18) u (43), rispettivament, tad-Direttiva (UE) 2022/2523, jew it-tnejn li huma, għas-Sena fiskali tar-rapportar partikolari.

(2) 'Stat Membru b'taxxa kumplimentari domestika kwalifikata (QDTT) biss' tfisser Stat Membru li jkun implimenta biss taxxa kumplimentari domestika kwalifikata, kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (28), tad-Direttiva (UE) 2022/2523 għas-Sena fiskali tar-rapportar partikolari.

(3) 'Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari' tfisser id-dikjarazzjoni ta' informazzjoni ppreżentata minn entità omm apikali, entità dikjaranti dežinjata, entità lokali dežinjata jew entità kostitwenti li għaliha huwa stabbilit mudell standard fit-Taqsima IV ta' dan l-Anness;

(4) 'Taqsima ġenerali' tfisser it-taqsima tad-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari li fiha informazzjoni ġenerali dwar il-grupp MNE kollu kemm hu, inkluż l-istruttura korporattiva tiegħu u sommarju ta' livell għoli tal-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2022/2523, fejn tali taqsima tkun konsistenti mat-Taqsima 1 tal-mudell standard għad-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari;

(5) 'Taqsimiet ġuriżdizzjonali' tfisser it-taqsimiet tad-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari li fihom informazzjoni dwar l-applikazzjoni dettaljata tal-IIR kwalifikata, tal-UTPR kwalifikata u tat-taxxa kumplimentari domestika kwalifikata fir-rigward ta' kull ġuriżdizzjoni fejn ikun qed jopera l-grupp MNE, fejn tali taqsimiet ikunu konsistenti mat-Taqsimiet 2 u 3 tal-mudell standard għad-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari;

(6) 'Sena fiskali tar-rapportar' tfisser is-sena fiskali li magħha hija relatata d-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari.

TAQSIMA II

REKWIŻITI TAL-PREŻENTAZZJONI

L-entità kostitwenti li tippreżenta d-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari għandha tidentifika t-taqsimiet rilevanti u l-Istati Membri rilevanti li l-informazzjoni għandha titqassam lilhom, skont l-approċċ ta' tixrid stabbilit fl-Artikolu 8ae.

TAQSIMA III

FORMAT TA' PREŻENTAZZJONI U SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI GĦAL GRUPPI DOMESTIĊI FUQ SKALA KBIRA B'IMPRIŻI KONĠUNTI

Meta entità omm ta' grupp domestiku fuq skala kbira jkollha interess proprjetarju dirett jew indirett f'impriża konġunta jew f'affiljat ta' impriża konġunta li jkun soġġett għal taxxa kumplimentari domestika kwalifikata fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru fejn ikun jinsab il-grupp domestiku fuq skala kbira, tali grupp domestiku fuq skala kbira għandu juża l-mudell standard għad-Dikjarazzjoni ta' informazzjoni dwar it-taxxa kumplimentari stabbilit fit-Taqsima IV ta' dan l-Anness.

F'każijiet koperti mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-Artikolu 8ae(2) u l-Artikolu 9a japplikaw.

TAQSIMA IV

PUNTI TAD-DATA

1. Informazzjoni dwar il-grupp MNE

